# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Mandat ta' Inibizzjoni numru 610/2019**
**Fl-ismijiet Anotonia Mifsud (404657M), Cleaven Mifsud (553183M), Esram Micallef(478887M) u Corinne Mifsud (7489M)**
**Vs.**
**Infrastructure Malta u Philip Agius & Sons Ltd.**
**(Ta' Maksar)**

**Illum 9 ta' Gunju, 2019**

Rat il-mandat ta' Inibizzjoni datat 9 ta' Mejju, 2019;

Rat ir-risposta għal-istess, datata 20 ta' Mejju, 2019[1].

Rat id-digriet tagħha datat 9 ta' Mejju, 2019[2] fejn laqgħat b'mod provisorju t-talba għal ħrug tal-mandat kawtelatorju.f

Semgħet ix-xhieda prodotti

Semgħet it-trattazzjonijiet

[1] Folio 4
[2] Folio 3

**Ikkunsidrat.**

Illi in suċċint r-rikorrenti jressqu t-talba tagħhom kontra espropju li skonthom se jsir fuq l-art tagħhom indikata fil-mandat in ezami nn kwanti kif xehed Cleavan Mifsud, dan se jnaqqar mill-potenzjal ta' l-iżviluup ta' l-istess n kwantu l-flats maħsuba għal fuq l-art issa se jispiċċaw sular inqas ukoll b'kamra tas-sodda inqas.

Da parti tagħhom l-intimati, Infrastructure Malta insistu lit-teħid ta' l-art kien neċessarju sabiex tiġi ffurmata roundabout ghal aħjar imanigjar tat-trafiku ukoll biex titnaqqas il-perikolosita' fis-sewqan, indott minn speed eċċessiv, li jsir ta' spiss ġewwa triq it-Tempesta.

Mistoqsija mill-avukat tar-rikorrenti jekk fil-fatt sarx l-espropju, u jekk mingħajr l-istess proċedura hux xorta l-aġenzija kienet bdiet xogħolijiet fuq art ir-rikorrenti, wieġeb lil proċedura ta' l-espropju ġiet iniżjalata ukoll u daqstant ieħor kien beda x-xogħol fuq l-art għal formaxzzjoni tat-triq kif pjantata.

Mistoqsi jekk saritx id-dikjarazzjoni presidenzjali wieġeb li din kienet fil-proċess li ssir.

**Għandu jinghad ukoll li aktar tard b'nota l-intimata aġenzija esebit dikjarazzjoni presidenzjali li pero ġġib <u>id-data ta' Settembru, 1987.</u>**

**Ikkonsidrat.**

L-ewwel punt li din il-Qorti se tindirizza hija dik ssolevata mir-rikorrenti minħabba dak li ġie espost fir-risposta imsemmija.

Tqies lir-rikorrenti m'għandhomx ragun dawr dak minnhom espost illi fil-konfront ta' Infrastructure Malta mhix applikabbli l-artikolu 873(3) tal-Kap 12. Ċertament la hi gvern u lanqas ma hi awtorita' mwaqqfa bil-Kostituzzjoni pero

ma jistax jingħad li mhix persuna, f'dan il-kaz waħda legali, li m'għandhiex nkarigu pubbliku fil-kariga uffiċċjali tagħha.[3]

Fi kwalunkwe kaz r-rikorrenti telgħet bħala xhud lil perit David Vassallo li kien tas-soda ferma li Infrastructure Malta kellha kull ħsieb li tkommpli bil-proġett ta' twesigh ta' triq u xogħol fuq is-*service roa*d dejjem ġewwa triq it-Tempesta, ukoll li tipproċedi billi tagħmel ir-*round about* li se tolqot l-art tar-rikorrenti ukoll lil l-istess art li tmiss billi jitieħdilha *splay* fuq naħa minnhom tat-triq.

**Ikkonsidrat**

Illi l-Kap 588 tal-Liġjiet ta' Malta, l-Att dwar l-Aġenzija Għal Infrastruttura Malta jistabilixxi fl-artikolu 5 funzjonijiet ta pjantar nazzjonali ghall-kostruzzjoni ta' totoq, strateġiji għall-infrastruttura tat-toroq, ukoll tiswija u mmaniġjar ta' l-istess fost l-oħrajn, u xogholijiet u funzjonijiet oħra hekk relattati.

Tqies li fil-fatt lil funżjonijiet akkordati lill aġenzija fil-att kostittutiv tagħha jmerru t-teżi tar-rikorrenti. Huwa ċar illi din l-aġenzija tiffunzjona f'ambitu pubbliku, taqa taħt il-Ministru speċifiku, u għandha skopijiet intiżi għal skop pubbliku tant li nforża ta' l-artikolu 6(1)(b) per eżempnju timplimeta anke d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi u Att dwar l-Awtorita' Tal-Artijiet biex b'hekk tkun tista taqdi l-funzjonijiet lilha allokati. Jirizulta ukoll illi huwa preċiżament il-Ministru appositu, u xejn u ħadd iżjed, li għandu l-Awtorita' li jagħzel il membri tal-bord governattiv ta' l-istess aġenzija, ukoll li l-istess ministru saħansitra jiddetermina ir-renumerazzjoni li għandhom jirċievu l membri tal-bord.[4] Oltre hekk huwa l-

[3] Artikolu 873(3) Kap 12.
[4] Artikolu 8 tal-Kap 588

istess ministru li hu vestit bil-poter diskrezzjonarju li ai termini ta' l-artikolu 10(2) li bih jista jittermina l-ħatra ta' memebru tal-bord imsemmi.

Ukoll u aktar saljenti huwa dak stipulat fl-artikolu 15 ta' l-istess Kap li huwa l-Ministru li f'*kwistjonijiet li jidhirlu li jaffettwaw l-interess pubbliku*, jagħti lil istess aġenzija *direzzjoniet ta'natura generali jew spċifika u* dan dwar il-politika li għandha tiġi segwita mill-istess aġenzija dana fi ħdan it-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

L-artikolu 19 ta' l-istess Kap imbagħad jaqra illi "*Meta xi uffiċjal pubbliku jiġi inkarigat sabiex iwettaq dmirijietu mal-Aġenzija ...għandu għal kull intenzzjonijiet u l-finijiet kollha jibqa' u jiġi meqjus u trattta bħala uffiċjal pubbliku."*

Konsegwentement tqies li l-artikolu 873(3) huwa applikabbli għal kaz in ezami taħt l-aspett li l-aġenzija hija munita b'kariga pubblika fil qadi tad-dmirijiet imposti fuqha bil-liġi.

Dwar il-mertu tal-mandat il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Qorti diversament presdeuta fi provediment simili.

*" **IV. Gurisprudenza***

*Il-Qorti sejra tagħmel riferenza għal xi prinċipji li ħargu mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħha dwar kif għandhom jitqiesu r-rekwiziti għall-hrug tal-Mandat, u li huma rilevanti għall-kaz tal-lum :-*

*1) Dwar il-prova prima faċie tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawza* **Grech pro et noe vs Manfre`** *(Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –*

*... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima faċie', ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħrug tal-mandat.*

*2) L-element tal-pregudizzju llum bħala l-bażi biex tkun milqugħa talba għall-ħrug tal-Mandat kontra l-Gvern m`għadux dak ta` preġudizzju li ma jkunx jista` jiġi rimedjat, kif kien il-kaz qabel daħlet l-emenda għall-Art 873 bl-Att XIV tal-2006. Illum biżżejjed li jintwera mill-perspettiva tal-parti li titlob il-ħrug tal-Mandat li dak il-pregudizzju jkun sproporzjonat fis-sens illi jkun manifestament ta` żvantagg u ta` ħsara għar-rikorrent jekk il-ħaga titwettaq.*

*3) L-elementi li jwasslu għall-ħrug tal-Mandat huma kumulattivi* **mhux** *alternattivi. Li allura jfisser illi jekk xi wieħed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti* **hija obbligata** *tiċħad it-talba għall-ħrug ta' l-Mandat.*

*4) Il-proċedura tal-Mandat hija eċċezzjonali u straordinarja ("***Xuereb noe vs Hili noe***" : Qorti tal-Kummerc : 22 ta` Settembru 1994).*

*5) Il-proċedura tal-lum hija maħsuba biex tkun waħda sommarja. Huwa propju għalhekk li l-liġi stabbiliet żminijiet qosra u preċizi li fihom it-talba għall-ħrug ta` l-Mandat għandha jew tintlaqa` jew tiġi miċħuda. Mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti, fi proċediment bħal dak tal-lum, kull ma għandu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawza dwar il-jedd. Dan ifisser illi l-fatt illi tintlaqa` talba għall-ħrug ta` l-Mandat, m`għandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant ieħor m`għandux ifisser li jekk il-ħrug tal-Mandat ikun*

*miċħud, allura l-jedd pretiż ma jezistix. Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta` din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista` jew m`għandu jippretendi li bil-metodu sommarju għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Il-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.*

*6) Dwar id-dikjarazzjoni quddiem il-qorti bil-miftuħ, din il-Qorti, fil-provvediment tagħha tal-5 ta` Jannar 2016 fil-proċediment fl-ismijiet "**Anthony Camilleri et vs Onor Ministru Dott Christian Cardona**" qalet hekk :-*

*" ... illi għall-fini tal-Art 873(3) mhuwiex il-kompitu tal-Qorti li, fi proċediment għall-ħrug ta` l-Mandat kontra l-Gvern, tistħarreg u tindaga dwar l-attendibilita` tad-dikjarazzjoni li tkun qegħda ssir fil-miftuħ. Jekk tidħol fi proċess ta` din ix-xorta, il-Qorti tkun qegħda toħrog mill-binarji previsti mill-Art 873(3).*

*Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fejn l-Art 873(3) jitkellem dwar illi "l-qorti tkun sodisfatta" dik il-frazi mhijiex qegħda tirreferi għall-konferma o meno, iżda qegħda torbot mar-rekwizit erbgħa (iv) li huwa l-"isproporzjon fil-pregudizzju". Bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, il-legislatur uża l-konguntiv "u". Għal din il-Qorti dan sar sabiex min-naħa waħda jagħmel distinzjoni bejn it-tielet (iii) rekwizit u r-raba` (iv) rekwizit, u min-naħa l-oħra sabiex jinsisti li fis-sitwazzjoni prevista fl-Art 873(3) iż-żewg rekwiziti jridu jseħħu flimkien."*

Mela huwa ċar u miżmum illi l-Qorti għandha teżamina din it-talba ukoll mill-lenti ta' dak stipulat taħt l-artikolu 873(3), jinħtieġ li darba lil Qorti tara li *prima facie* r-rikorrenti għandhom jedd x jikkawtelaw, u ta' dan il-Qorti m'għandhiex

dubbju, stante li hemm id-dritt fondamentali ta' tgawdija tal-propjeta' kif sanċit kemm fil-Kostituzzjoni u Konvenzjoni, li tezamina jekk bejn dan id-dritt appartenenti lir-rikorrenti u dak li hu l-interess pubbliku, kif hu meqjus espropju ta' art privata f'isem u għal uzu ta' l-interess pubbliku, hemmx sproporzzjon. Ukoll jekk darba l-art ġiet espropjata hemmx jedd li titwaqqaf l-awtorita nkarigata bix-xoghilijiet appositi.

Huwa prinċipju bażilari li kulħadd għandu dritt ta' tgwadija tal-propjeta' tiegħu[5]. Dan il-prinċipju jsib eċċezzjoni fl-interess tal-kollettiv għal gid kommuni u fl-interess u/jew skop pubbliku. Pero jekk id-dritt ta' tgawdija tal-propjeta' jiskontra dan il-limitu, huwa tassattiv fuq l-Awtorita' apposita lli tinkombi fuq id-dritt tat-terz, illi tagħmel dan bla ma tkisser ebda jedd tiegħu kif sanċit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Isegwi li jekk ikun meħtieg espropju, u hawn mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti tevaluta din in-neċessita', li dan għandu ssir billi jiġu segwiti d-dettami tal-ligi apposita bil-konsegwenza ovvja, logika u mistennija ta' kumpens **ġust u xieraq u mmedjat**. Darba biss li jsir l-espropju wieħed jissaponi li għandhom isiru x-xogħolijiet neċċessarji.

Illi ssegwi li jekk jiġu segwiti skrupolosament r-rekwisisti li trid il-liġi għal espropju, darba li dan se jsir għal skop u interess pubbliku, kif fil-kaz odjern, **u darba li jsir il kumpens adekwat fiż-żmien xieraq**, allura il-Qorti ma tarax li hemm ebda sproporzzjon fl-att innifsu ta' l-espropju u wisq anqas fit-tħammil jew xogħol ieħor li jsir fuq l-art anke jekk bl-istess l-art tiġi żnaturata u konsegwentememt tiċċekken. Ragunament mod ieħor jirrendi nefikaċi jekk mhux inutli l-istitut ta' l-esprojazzjoni jekk mhux ukoll it-tmexxija ta' l-amministrazzjoni pubblika bħal ma hu t-tfassil u kostruzzjoni ta' toroq fost l-oħrajn. Dan tenut kont taċ-ċokkon ta' pajjiżna u l-bżonn ta' manigjar ta' traffiku fost l-oħrajn.

[5] Art. 320 u 321 tal-Kap 16

Tqies ukoll illi anke jekk il-Qorti kellha tezamina dan il-mandat mill-lenti mressaq mir-rikorrenti, dak li ma jaħsibx għal applikazzjoni tal-provediment ta' l-artikolu 873(3), allura tal-pregudizzju rremedjabbli, xorta tasal għal-istess konklussjoni. Il-konsiderazzjonijiet jibqgħu fil-fatt l-istess. Huwa vera li darba li jsir it-teħid tal-propjeta' dan bħala fatt jikkrea element ta' diffikolta ta' rriversabilita'. Pero anke f'dan il-kaz kumpens xieraq opportun u spedittiv għat-telf pekunjarju li jkun se jiġi inevitabilment soffert darba li titnaqqar propjeta' għandu jinnewtralizza l-pregudizzju rremeddjabbli li trid il-liġi għas-suċċesss ta' din it-talba.

**F'dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tisħaqq illi l-awtorita' vestita bil-poter ta' l-espropju għandha tagħmel dan billi tassigura li ebda dritt fondamentali ma jiġi kalpestat għax il-fatt biss li hi għandha dak il-poter ma jsarrafx u ma jista qatt jiftiehem f'delungar kagunat minn burokrazzija biex l-ispossessat jingħata rimedju xieraq u immedjat.**

**Qieset li darba affettwat l-espropju, fid-dawl tal-konsiderazzjinijiet ġia magħmula, l-Aġenzija u min imqabbad minnha għal iskop ta' tħamil u xogħolijiet fuq it-toroq għandha l-obbligu bil-liġi timxi b'xogħolha.**

**Konsegwentement tiċħad it-talba. Kull parti għandha tbaghti l-ispejjez tagħha.**

**Onor. Miriam Hayman LL.D.**

**Imhallef**